



Il-Kummissjoni
Ewropea

Il-ġimgħa Ewropea
għall-ħiliet vokazzjonali



SKEDA INFORMATTIVA FUQ IR-RELAZZJONIJIET TAL-MIDJA

Din l-iskeda informattiva għandha l-għan li tgħinek tippromovi l-avvenimenti tal-European Vocational Skills Week tiegħek permezz ta' varjetà ta' mezzi tal-midja. Il-midja tista' tkun għodda b'saħħitha biex tippromovi l-avveniment tiegħek u tinkoraġġixxi lin-nies biex jattendu. Tista' tgħin ukoll biex issaħħaħ il-profil tal-organizzazzjoni tiegħek u tbiddel il-perċezzjoni tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET) fil-pajjiż tiegħek.

KIF TISTA' TIKSEB IL-KOPERTURA TAL-MIDJA?

Imxi ma' din il-lista ta' kontroll sempliċi biex tattira l-kopertura tal-midja:

- Iddeċiedi lil liema midja tixtieq tawwiċina
- Mudell tal-istqarrija għall-istampa ser ikun disponibbli fuq is-sit web. Tista' taddatta l-mudell b'informazzjoni fuq l-avveniment tiegħek
- Tiġbor informazzjoni, ritratti, kwotazzjonijiet, infografiċi li jistgħu jiġu ppublikati
- Fittex online għal dettalji ta' kuntatt ta' ġurnalisti ta' programmi tal-aħbarijiet lokali jew gazzetti lokali
- Ibgħat email bl-istqarrija għall-istampa u ritratti lill-kuntatti tal-midja tiegħek (b'dettalji tal-kuntatt u intervisti potenzjali)
- Follow-up permezz ta' telefonata lill-midja li probabbli li jkollha l-ikbar impatt
- Jekk ikun hemm ġurnalisti li jkunu sejrini jattendu l-avveniment tiegħek, kun hemm biex tilqagħhom dakinhar u introduċihom ma' nies interessanti

LIEMA MIDJA GĦANDEK TAVVIĊINA?

- Gazzetti lokali, siti web, blogs
- L-elenkar tal-avvenimenti
- Gazzetti nazzjonali
- Pubblikazzjonijiet speċjalizzati
- Radju u TV

KIF TISTA' TAGĦTI ĦAJJA LILL-ISTQARRIJA GĦALL-ISTAMPA TIEGĦEK?

- Ritratti
- Kwotazzjonijiet
- Fatti u figuri speċifiċi għall-pajjiż u Ewropej fuq VET

L-ewwel pass għal kopertura tal-midja ta' suċċess hija lista ta' kuntatti tajba. Dejjem hija idea tajba li ddaħħal l-avveniment tiegħek f'elenku tal-avvenimenti u li tpoġġi fil-mira tiegħek lill-midja lokali, minħabba li dawn sejrini ikunu interessati fi stejjer li jaffetwaw il-komunità. Żomm f'moħħok liema tip ta' midja inti qed timmira. Pubblikazzjonijiet speċjalizzati, pereżempju, ser ifittxu informazzjoni teknika, filwaqt li t-TV u r-radju huma adatti għal avvenimenti iktar vivi u mhux tas-soltu.

L-aħjar mod biex tipprovi l-informazzjoni lill-midja huwa billi tibgħat stqarrija għall-istampa. Aħna nagħtuk parir li tuża l-mudell tal-istqarrija għall-istampa tal-European Vocational Skills Week. Għall-midja u gazzetti lokali, tista' tibgħat l-istqarrija għall-istampa madwar ġimgħatejn qabel, u tibgħat tfakkira ġurnata jew jumejn qabel l-avveniment. Għal pubblikazzjonijiet speċjalizzati, tista' tibgħat l-istqarrija tal-istampa qabel. Telefonata ta' segwitu tagħtik l-opportunità li tibgħat l-istorja tiegħek.

Aħna lesti ngħinuk f'kull mistoqsija relatata mal-midja li jista' jkollok.

Ikkuntattjana: **Email: info@vocationalskillsweek.eu**

Telefown: +44 (0)207 444 4264

Sit web: ec.europa.eu/vocational-skills-week

#DiscoverYourTalent

Impjegi, affarijiet
soċjali u inklużjoni

#EU Vocational Skills